THE PROFESSIONAL CENTRE
SLIEMA ROAD
GZIRA GZR 1633 - MALTA

TEL./FAX. (+356) 2131 4265
EMAIL. kamratalperiti@go.net.mt
WEBSITE. www.ktpmalta.org

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 17/17
6 ta' Diċembru 2017

**Kultura ta' impunità fl-Awtorità tal-Ippjanar**

Matul l-aħħar ġimagħtejn, il-Kamra tal-Periti, flimkien ma' diversi NGOs, ħarġu numru ta' stqarrijiet rigward it-twaqqiegħ ta' żewġ binjiet speċifiċi ta' valur arkitettoniku, storiku u kulturali, il-bini ta' l-ex-Sea Malta / NAAFI fil-Marsa, u Villa San Injazju f'San Ġiljan.

L-iktar aspett ta' tħassib u li f'dawn il-każijiet, it-twaqqiegħ seħħ bil-barka, jew ta'l-inqas frott inkompetenza, ta' l-Awtorità tal-Ippjanar, li aġixxiet b'mod li jmur kontra l-obbligi legali tagħha, b'disrispett għall-proċeduri stabbiliti, u b'attitudni fejn ħarġet stqarrijiet foloz u b'nofs veritajiet sabiex tiddefendi lilha nnifisha.

Fil-każ tal-bini tal-ex-Sea Malta, l-Awtorità approvat it-twaqqiegħ ta' parti sostanzjali ta' dan il-bini mibni fi stil Modernist, wara li pproċessat applikazzjoni taħt l-Avviż Legali 258/2002 dwar it-tneħħija ta' periklu, u b'mod li jmur kontra l-provedimenti ta' l-Avviż Legali stess. Fil-fatt, l-unika ġustifikazzjoni li ngħatat sabiex inħareġ il-permess kien li l-istat li kien fih il-bini kien ser jiswa wisq flus sabiex jitranġa u għalhekk ma kienx "financially feasible" li jissewwa. Jekk il-prezz tal-preżervazzjoni tal-wirt tagħna isir ġustifikazzjoni għat-twaqqiegħ, verament ser naslu sabiex neqirdu għal kollox dan il-wirt ta' pajjiżna.

Il-Kamra tal-Periti rrappurtat dan il-każ lill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fl-Uffiċju ta' l-Ombudsman. Fl-24 ta' Novembru 2017, il-Kummissarju kiteb lill-Kap Eżekuttiv ta' l-Awtorità tal-Ippjanar u liċ-Chairman tal-Bord tal-Ippjanar, fejn starr li investigazzjoni preliminarja tal-każ irrilevat li kien hemm diversi anomaliji fl-ipproċessar tal-permess u saħaq li tali permess għandu jiġi sospiż b'mod immedjat sakemm isiru ċertu verifiki mill-Awtorità. Qal ukoll li l-permess għandu jiġi rrevokat. Skond informazzjoni li għandha l-Kamra, l-Awtorità għadha ma tatx tweġiba għal din il-korrispondenza, wisq inqas ħadet l-azzjonijiet li rrakomanda l-Kummissarju.

Sfortunatament dan il-bini issa safa mbiċċer frott in-nuqqas tal-Awtorità li tagħraf l-iżball tagħha, li njorat sejħiet ripetuti sabiex jitwaqqfu x-xogħlijiet, u billi njorat għal kollox l-investigazzjoni tal-Kummissarju. Dan l-aġir jista' jiġi deskritt biss bħala tal-mistħija, u sinjal ċar li l-Awtorità taħseb li hi 'l fuq mill-liġi.

Villa San Injazju wkoll sfat vittma tat-twaqqiegħ, b'filmati li ġew ppublikata fuq is-social media matul l-aħħar jiem li juru d-distruzzjoni ta' partijiet mill-villa, b'mod li jmur kontra r-regolamenti tal-bini, ir-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurta', u b'mod li jmur kontra l-permess li ħarġet l-Awtorità, li wkoll kien fih diversi nuqqasijiet. F'dan il-każ, l-Awtorità tal-Ippjanar approvat li jsiru ċertu xogħolijiet

skond kif ordnat il-Qorti iktar kmieni din is-sena, iżda meta nbeda x-xogħol u ġew irrapurtati lill-Awtorità, din ma ħarġitx Notifika ta' Twaqqif (stop notice), u Notifika ta' Infurzar (Enforcement Notice), u ma ddikjaratx il-permess maħruġ bħala null u invalidu skond kif jippermetti l-Avviż Legali meta kien ċar li x-xogħolijiet ma kienux konformi mal-permess maħruġ u l-kundizzjonijiet imposti. Minflok, minħabba li ma ħaditx l-azzjonijiet neċessarji, it-twaqqiegħ ta' dan il-bini kompla qisu ma ġara xejn.

Dawn iż-żewġ eżempji huma ta' tħassib kbir. L-Awtorità tal-Ippjanar għandha responsabbiltà lejn is-soċjetà li tassigura li l-liġijiet li topera taħthom jiġu rrispettati, b'mod speċjali li tassigura li żvilupp ma jipperikolax il-wirt mibni li iktar ma jmur iktar qed jonqos. U wkoll ta' tħassib li, sakemm bini ma jkunx speċifikament skedat, l-Awtorità donna tinjora kull aspett li jimmerita konservazzjoni, meta hi l-Awtorità nnifisha li hi responsabbli għall-iskedar, u meta għandha tikkunsidra l-aspetti kollha meta tkun qiegħda tipproċessa applikazzjoni għall-iżvilupp. Dan in-nuqqas ta' skedar qiegħed jitqies bħala liċenzja sabiex jinqered dak li baqa' mill-wirt fraġli ta' pajjiżna, li jmur ferm lil hinn mill-lista formali ta' bini skedat.

Dan il-pajjiż għandu ħafna regoli fuq il-karta, ħafna drabi mhux ikkordinati; u għalhekk huwa faċli li dawn jiġu njorati b'impunità. Meta naraw lil min iħaddan il-kultura ta' l-impunità, infittxu l-protezzjoni tal-liġi – f'dan il-każ, huma dawk li għandhom id-dover li jħarsu l-liġi li huma dawk li qegħdin jiksruha, u dan kontra l-obbligi tagħhom bħala uffiċjali pubbliċi.

F'pajjiżi oħra, meta bini ta' valur jitwaqqa' mingħajr permess maħruġ skond ir-regolamenti, il-Qrati jordnaw li dan jerġa' jinbena kif kien. Nistennew li tittieħed azzjoni immedjatata sabiex jiġi żgurat li s-sitwazzjonijiet deskritti hawn jiġu tranġati, u li jitteħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiġi ssalvagwardat il-wirt storiku tagħna minn iktar distruzzjoni bl-iskuża ta' żvilupp.